MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 273/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Saliba**

**Il-Qorti**:

Dan hu appell interpost minn Noel Saliba minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Lulju 2007 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni, wara li ddikjaratu hati tar-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu 18-il xahar prigunerija kif ukoll ikkundannatu jhallas nofs l-ispejjez involuti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe` l-ammont ta' Lm53.75 u dan fi zmien sitt xhur, bil-konversjoni skond il-ligi fin-nuqqas. Saliba kien akkuzat li fit-18 ta' April 2006 ghall-habta tat-3.15 pm fi Triq is-Sellur, M'Scala, flimkien ma' persuna ohra (1) ikkommetta serq ta' basket b'ghadd ta' affarijiet

minn fuq il-persuna ta' Josephine Farrugia, liema serq hu kwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira, a dannu ta' l-istess Farrugia, u (2) li huwa recidiv fit-termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9.

L-appell hu limitat ghall-kwistjoni tar-recidiva u ghall-piena. L-apellant, permezz ta' l-abbli difensur tieghu l-Avukat Dott. Patrick Valentino, jikkontendi li bil-piena ta' prigunerija r-riabilitazzjoni psikjatrika tieghu ser tigi mharbta. Jghid ukoll li hu proprjament ma ammettiex ghar-recidiva u li fi kwalunkwe kaz ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni ma giex kommess entro wiehed mill-periodi msemmija fl-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti semghet ukoll fl-udjenza  tat-12 ta' Ottubru 2007 lill-psikjatra Dott. David Cassar li, fost affarijiet ohra, fisser li l-appellant huwa pazjent fl-Isptar Monte Carmeli taht il-Parti IV ta' l-Att dwar is-Sahha Mentali, u li fi kwalunkwe kaz l-appellant ghandu bzonn kura kontinwa minhabba certu mard li huwa jbati minnu.

Issa, a propositu tal-kwistjoni tar-recidiva, f'dan il-kaz jirrizulta li r-recidiva applikabbli ma hiex dik kontemplata fl-Artikolu 50 – ghalkemm huwa veru li dana l-artikolu gie wkoll indikat mill-prosekuzzjoni fit-tfassil tat-tieni imputazzjoni – izda dik kontemplata fl-Artikolu 289 fejn ma hemmx termini stabbiliti. Fi kwalunkwe kaz il-verbal tat-13 ta' Novembru 2006, li, salv prova kuntrarja, din il-Qorti ghandha toqghod fuqu, ma jikkwalifikax l-ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni biss.

Tenut kont tal-antecedenti ta' serq ta' l-appellant kif ukoll tal-fatt li ma hemm xejn xi jzomm lill-appellant milli jkompli jiehu u jinghata kura psikjatrika – fil-habs jew fil-*forensic ward* ta' l-Ipstar Monte Carmelo – anke jekk din is-sentenza tigi konfermata, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------